**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Rodney Borg)**
**(Spettur Andy Rotin)**

**-vs-**

**Ritienne Bartolo Burlo' detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 0297881M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 269/2024*

Illum, **12 ta' Ġunju, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata **Ritienne Bartolo Burlo'** u ċioè talli:

> Bejn Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) u Frar Lulju tas-sena elfejn erba' u għoxrin (2024), f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
>
> 1. Iffalsifikat ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;
>
> 2. U aktar talli xjentement għamlet użu minn waħda mill-karti msemmijin (*sic*);

3. U aktar talli għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħlet dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nfisha u jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tgħat tagħrif falz;

6. U aktar talli b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro €5,000 bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u / jew xi entita u / jew entitajiet oħra;

7. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u / jew xi entita u / jew entitajiet oħra, għamlet qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef euro (€5000);

8. U aktar talli kellha fil pussess ta' jew kellu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġetti għall użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma xi frodi.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha għajr għall-imputazzjonijiet tal-falsifikazzjoni.

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputazzjonijiet ta' falsifikazzjoni mhux komfortati bi provi sal-grad rikjest mill-Liġi.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputata wieġbet li hi ħatja għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħatat żmien xieraq sabiex jekk ried terġa lura

minnha u dan anke billi ikkonsultat mal-legali tagħha hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha. Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħha, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputata, tal-fatt li wriet kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-fedina penali netta tagħha w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ.

Ġie ikkunsidrat li l-imputata bdiet tħallas lura lid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali u llum il-ġurnata ntlaħaq ftehim mad-Dipartiment sabiex isir riżarċiment totali tar-*res furtiva*.

Ġie kunsidrat li l-imputazzjoni numru sebgħa (7) hi imputazzjoni alternattiva għall-imputazzjoni numru sitta (6).

Konsegwentement il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni numru sebgħa (7).

Illi l-imputazzjonijiet numru tnejn (2), erba' (4), ħamsa (5) u tmienja (8) servew bħala mezz ai fini għas-sitt (6) imputazzjoni.

Finalment fl-ikalibrar tal-piena l-Qorti tqis li l-ammont tar-*res furtiva* ma kienx wieħed diskrett; l-ammont iffrodat lil Erarju hu dak ta' **tmienja u għoxrin elf, ħames mija u wieħed u sebgħin Ewro u erba' u disgħin ċenteżmu (€28,571.94c).**

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni numru sebgħa (7) u tillibera lill-imputata mill-imputazzjonijiet numru wieħed (1) u tlieta (3), wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 31, 169[1], 184, 188(1), 308, 310(1)(a) u 310BA tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha, u tikkundannaha għall-priġunerija ta' żmien **sentejn (2)** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għall-**erba' (4) snin millum.**

Inoltrè a tenur tal-Artikolu 15A(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-imputata tagħmel kumpens lid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali ta' dak dovut minnha lill-imsemmi dipartiment skond ir-*repayment programme* preżentat in atti.

Dan l-Ordni jista' jiġi infurzat bl-istess mod bħallikieku dan ingħata f'azzjoni ċivili bejn il-ħatja w id-Dipartiment.

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabiltà tagħha taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk tikkommetti, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Tenut kont li l-oġġett/i utilizzati mill-imputata fit-twettiq u l-kummissjoni tar-reati addebitati lilha huma meħtieġa bħala prova fi proċeduri oħra kontra terzi, il-Qorti mhux qed tordna l -konfiska tagħhom.

Ġaladarba f' dan il-proċediment ma kien hemm l-ebda espert nominat, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[1] B'riferenza għall-Artikolu 167(1) tal-Kodiċi Kriminali